MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 97

**It-Tnejn, 10 ta' Diċembru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 97.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**97.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sa Elizabeth Vella kienet ndisposta u għaldaqstant ma setgħatx tkun preżenti. F'dan ir-rigward is-Sa Vella ġiet skużata skont l-Ordni Permanenti 14 A (3). Is-Sindku nforma wkoll li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa indispost.

## 97.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**97.2** Il-minuti tal-laqgħa Numru 96 (sitta u disgħin) li saret fil-5 ta' Novembru, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 97.2.1 Korrezzjonijiet

97.2.1.1 Minuta 96.6.1 – minflok **transposrt** issir **transport.**
Minuta 96.5.1 – minflok **riċieva** issir **irċieva**
Minuta 96.5.5 – minflok **sabieix** issir **sabiex**

## 97.3 Punti mqajma mill-minuti

**97.3.1** Minuta 96.3.3 – Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-video li intwera fuq il-midja soċjali fejn ġurnata minnhom kien innutat li l-kollettur tal-iskart kien qed jiġbor il-boroż kollha irrelevanti liema ġurnata kienet fl-iskeda. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-kollettur u din m'għandhiex terġa tirrepeti ruħha.

Il-membri qablu unanimament.

**97.3.2** Minuta 96.3.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-inawgurazzjoni tal-iskudett ma setgħetx issir dak in-nhar ta' Jum Santa Venera u għaldaqstant is-Sindku ssuġġerixxa sabiex issa din issir wara li jsir r-restawr tal-funtana li hemm mal-ħajt ta' wara l-iskudett. Wara diskussjoni s-Sur Silvio Vella ssuġġerixxa sabiex ix-xogħol tar-restawr ma jsirx mill-istess kuntrattur li għamel ir-restawr tal-iskudett minħabba l-fatt li fl-opinjoni tiegħu dan ix-xoghol ma kienx ta' ċertu livell. Is-Sindku informa lill-membri li dan ix-xogħol ser isir taħt is-superviżjoni tal-Perit u Heritage Malta tal-Awtorita tal-Ippjanar.

**97.3.3** Minuta 96.3.5 - Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti l-aħħar żviluppi fuq l-attivita *Notte da Venerare*. Is-Segretarju nforma lill-membri dwar il-program li ser isir is-Sibt 22 ta' Diċembru f'żewġ pjazez. Wara diskussjoni kien hemm qbil bejn il-membri sabiex isir aktar pubblicita u jitwaħħlu banners. F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona sabiex il-baġit jiżdied sabiex tkopri ukoll din l-ispiża.

Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

Apparti minn hekk is-Sur Horace Anastasi ssuġerixxa li hemm bżonn naħsbu għal tinda minħabba li jista' jkun il-maltemp. Is-Sindku nforma lis-Sur Anastasi li l-organizzatur ser ikollu laqgħa mal-għaqdiet kollha sabiex tkun diskussa din il-materja.

**97.3.4** Minuta 96.5.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-laqgħa mal-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u l-knis saret u fil-preżenza tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Silvio Vella u l-Contracts Manager fejn ġew diskussa l-problemi u l-ilmenti li l-Kunsill kien qiegħed jirċievi. Wara din il-laqgħa l-Contract Manager iċċertifika l-pagamenti dovuti lill-Kuntrattur.

**97.3.5** Minuta 96.5.8 - Is-Sindku Is-Sindku nforma lill-membri li s-saqaf tat-Turetta qiegħed fi stat perikoluż. Il-Perit iċċertifika li dan is-saqaf irid jinbidel. Is-Sindku qal li kif kien deċiż intbgħatet email lis-Superintendent ta' Heritage Malta u apparti minn hekk ser issir laqgħa mal-Perit sabiex naraw kif nistgħu nipproċedu.

Il-membri qablu unanimament.

.

**97.3.6** Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| | Kif kien mitlub is-Sid ta' Triq Carini ppreżenta lill-Kunsill il-permessi kollha meħtieġa tal-PA u f'dan ir-rigward tista' ssir l-kaxxa s-safra. |
| Ilment 466 | Titranġa l-ħsara li hemm fuq l-lampi skont il-ħtieġa. |
| Ilment 472 | Għandha tintbgħat ittra lir-resident |
| Ilmenti 474 / 475 / 482 / 487 | Dawn iridu jiġu riferuti lill-Perit tal-Kunsill |
| Ilment 477 | Ir-rampa kienet ilha li saret max-xogħol tat-triq |
| Ilment 493 | Jiġi riferut lura għal aktar informazzjoni |
| Ilment 505 | Din il-ħsara trid tissewwa mill-importatur tal-laħam |

F'dan l-istadju (6.45pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 97.6 tal-Aġenda – Items oħra ta'xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ.

Il-Membri qablu unanimament

## 97.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 97.6.1 Bagit 2019

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal lill-membri tal-Kunsill l-estimi tal-baġit 2019. Kienu diskussa il-*Financial Committments* kollha li l-Kunsill għandu għas-sena 2019 fejn jirrigwardaw il-proġetti kapitali u l-ġbir tal-iskart.

Is-Sindku ppropona l-baġit hekk kif kien ġie duskuss filwaqt li s-Sur Jonathan Brimmer issekonda lis-Sindku u l-membri qablu unanimament.

**97.6.2 Rapport Amministrattiv 2017**

Is-Sindku nforma lill-membri li r-rapport Amministrattiv li kellu jsir mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti ma sarx u għaldaqstant wara li saru diversi tentattivi dan għamlu d-Deputat Segretarju Eżekuttiv skont il-minuti tal-laqgħat li saru matul is-sena 2017.

Wara diskussjoni fuq il-punti msemmija fir-rapport is-Sindku ppropona u s-Sur Horace Anstasi ssekonda l-istess r-rapport Amministerattiv 2017 filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**97.6.3 Skrivan/a Skala 13**

Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba l-fatt li wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin ser jispiċċa bil-pensjoni wasal iż-żmien sabiex jiskatta l-proċess sabiex ikun ingaġġat skrivan/a għal skala 13.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

**97.6.4 Bring-in-sites**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar tibdil li jista' jsir rigward il-bring-in-sites sabiex b'hekk inkunu f'pożizzjoni li nżidu s-servizz lir-residenti. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex minflok il-bins on wheels li hemm allokati fi Triq Xand Cortis, Triq Pietru Dacoutros u Triq Mons. Giuseppi de Piro  isiru IBins fejn eventwalment jekk dawn ikunu ta' suċċess wieħed ikun jista' jikkonsidra li jiżdiedu aktar.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

**97.6.5 Latrina Pubblika**

Is-Sindku nforma lill-membri li hemm possibilta li ssir talba lill-RSS sabiex jassenjaw lill-kunsill ħaddiem ieħor sabiex b'hekk ikun jista' jieħu ħsieb il-latrina u b'hekk ma jkunx hemm il-ħtieġa li tinħareġ it-tender. Is-Sindku ssuġġerixxa li jekk dan iseħħ, għandha tkun bi prova għaliex hija importanti li l-latrina tiżamm fi stat nadif u iġeniku.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

**97.6.6 Norwegian Funds**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill jista japplika għan-Norwegian funds nistgħu nibbenifikaw minn fond globali ta miljun ewro. Il-kriterji biex kunsill japplika hi li jkun irid isir proġett li jkollu impatt kulturali u soċjali. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex isir proġett fir-Razzett ta' Gnien Romeo Romano fejn il-kmamar ikunu trasformati fejn ikunu jisgħu isiru laqgħat u korsijiet lill-aznajni u għall-pubbliku kollu. Apparti minn hekk, ġie suġġerit ukoll tisbieħ tal-latrini li hemm biswit ir-razzett u anke t' żvilupp tal-passaġġi. Is-Sindku kompla billi qal li jekk ikun hemm qbil ser issir komunikazzjoni mal-perit sabiex jinbeda l-proċess tal-applikazzjoni.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament.

**97.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

97.4.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-permessi tal-proġett tal-Palazz l-Aħmar imxew fejn issa waslet ukoll l-awtoriżżazzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet. Issa fadal li jsir il-kuntratt mal-UIF u għaldaqstant jiskatta ix-xogħol hekk kif kien previst.

97.4.2 Is-Sindku nforma lill-Membri li personalment ser jorganizza l-bibita tal-Milied nhar is-Sibt issir il-Ħadd 15 ta' Diċembru, 2018 f'nofsinhar.

## 97.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**97.5.1** Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li riċieva korrispondenza sabiex dwar il-possibilta'  ta' l-użu ta' scooters elettriċi madwar Santa Venera. Ir-raġuni hi li din tista' tkun mezz alternattiv ta' trasport ġewwa l-lokalita; fejn nies li għad m'għandhomx l-eta' tas-sewqan ikunu jistgħu jagħmlu użu minn dawn l-iscooters sabiex jagħmlu ċertu qadi fiċ-ċentru tal-lokalita'. Dan iwassal sabiex ikun hemm inqas bżonn li dawn jitwasslu b' vetturi tal-ġenituri. L-idea hi li noħolqu proġett (pilota) dwar kif jistgħu ħaddmu inizjattiva bħal din, skont l-esiġenzi differenti.

Il-membri qablu unanimament

## 97.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 97.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet

Il-membri qablu unanimament

## 97.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 519 sa 530.

| | |
|---|---|
| 530 | Ser isiru IBins fi Triq Mons. Depiro |
| 537 | Ħaddiema Assenjti |
| 539 | Dan qieghed skont l-OHSA standards |
| 541 | Dawn il-qsari huma invitati |
| 547 | Work Order |
| 548 | Contract Manager |
| 553 | Ħaddiema Assenjati u issir U-Bar waħda |

| | |
|---|---|
| 554 | Contract Manager |
| 564 | Grima & Sons |
| 571 | Contract Manager |
| 581 | Grima & Sons |
| 583 | Contract Manager |

## 97.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-7.50 pm u ġiet aġġornata għall- 14 ta' Jannar, 2019, fil-5.30pm

Konfermati, illum 14 ta' Jannar, 2019

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv